# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 28 ta' Frar, 2000.**

**Numru:  7**

**Citazzjoni Numru:  142/94 JF**

**Francis Mallia**

**vs**

**Michael Attard bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Micard Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut noe biegh lill-attur il-vettura Aro Jeep 10.4 bin-numru tar-registrazzjoni V-6404 ghall-prezz ta' elfejn, disa' mija u hamsin liri Maltin (Lm2950) bl-assigurazzjoni li l-istess vettura kienet funzjonabbli u minghajr difetti.

Premess illi jumejn wara l-konsenja tal-vettura l-istess vettura zviluppat difetti tali li l-attur kien kostrett li jdahhalha fil-garaxx tas-socjeta' konvenuta biex tissewwa;

Premess illi l-okkazjoni msemmija fil-paragrafu precedenti ma kienitx okkazjoni izolata izda l-istess vettura zviluppat aktar hsarat f'perjodi differenti kif ser ikun ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

U premess li l-konvenut noe qarraq bl-attur meta bieghlu u kkonsenjalu oggett li ma kienx tal-kwalita' pattwita bejn il-partijiet stante li l-attur ried jixtri vettura gdida, kompluta u bla difetti izda minflok huwa nghata vettura b'ghadd ta' difetti u b'ghadd ta' parts u accessorji neqsin;

U peress li l-attur sofra danni b'rizultat tal-ingann fuqu pprattikat mill-konvenut noe peress li l-vettura minnu mixtrija ma kienitx tal-kwalita' pattwita u b'hekk l-attur spicca jhallas ferm aktar milli fil-fatt tiswa l-vettura; peress li huwa kien kostrett jixtri l-parts u l-accessorji neqsin u li baqghu ma nghatawlux mill-konvenut noe; u peress li huwa kien kostrett li jaghmel diversi spejjez sabiex jirranga l-istess vettura kif ser ikun ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

U peress li l-attur sejjah lill-konvenut nomine sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tal-istess danni minnu sofferti izda l-konvenut noe baqa' inadempjenti, anzi l-istess konvenut noe qieghed jesigi li l-attur ihallsu l-kambjali rapprezentanti l-pagamenti li l-istess attur waqaf milli jhallsu;

Talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-attur sofra danni bix-xiri tal-vettura Aro Jeep 10.4 numru V-6404 stante li huwa gie ngannat mill-konvenut noe li bieghlu u kkonsenjalu

vettura mhux tal-kwalita' pattwita u b'hekk l-attur hallas ferm aktar milli fil-fatt kienet tiswa l-vettura in vendita; peress li huwa kien kostrett jixtri l-parts u l-accessorji li baqghu ma nghatawlux mill-konvenut noe; u peress li huwa kien kostrett li jaghmel diversi spejjez sabiex jirranga l-istess vettura;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur anke permezz ta' periti nominandi ghal dan l-iskop;

3. tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati; u

4. tordna li l-kambjali rapprezentanti l-pagamenti pendenti in konnessjoni max-xiri tal-vettura meritu tal-vertenza jibqghu sospizi sakemm tigi deciza din il-kawza u dan sabiex il-partijiet jirregolaw ruhhom f'kull eventwalita.

Bl-ispejjez tal-prezenti nkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-27 ta' Marzu, 1993 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sad-data tal-hlas eventwali - kollha kontra l-konvenut nomine.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Michael Attard noe fejn eccepixxa:-

1. Preliminarjament in-nullita' tac-citazzjoni odierna stanti li l-attur qed jesecita' f'talba wahda l-azzjoni ghad-danni, l-azzjoni ghal dikjarazzjoni li l-vettura mibjugha mhux tal-kwalita' pattwita, l-azzjoni ghall-dikjarazzjoni tan-nullita' tal-kuntratt minhabba ngann. Ghalhekk l-azzjoni n-natura tal-azzjoni intentata mill-attur mhix determinabbli u ghalhekk mhux possibbli li jigu valutati l-fatti processwali sabiex jigi deciz jekk jigux applikati dawn

ossia dawk id-dispozizzjonijiet tal-ligi, l-attur qieghed konfuzament jezercita diverizi azzjonijiet f'talba wahda.

2. Illi l-attur biegh karozza gdida lill-konvenut li kienet dik tal-kwalita' pattwita, liema karozza ma kellha l-ebda difetti.

3. Illi l-attur ma kkommetta l-ebda ngann fil-konfront tal-konvenut ghaliex il-karozza mibjugh hija wahda gdida u ma kellha l-ebda difetti.

4. Illi il-konvenut qieghed jittanta din l-azzjoni wara li ma gie mharrek biex ihallas il-bilanc minnu dovuta u ghaliex din l-azzjoni mhix haga ohra hlief tentattiv inutili biex idewwem il-pagament.

5. Illi l-konvenut qed jezercita din l-azzjoni tlett snin wara l-bejgh taghha, meta ghaddiet il-garanzija ta' sitt xhur u fil-fatt ghadu jigri u juza l-istess karozza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom, flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament id-decizjoni in parte moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fit-13 ta' Mejju 1996, fejn giet respinta l-eccezzjoni preliminari tan-nullita' tac-citazzjoni sollevata mill-konvenut nomine, bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta li l-attur xtara vettura Aro Jeep 10.4 minn ghand is-socjeta' konvenuta bhala gdida. Jirrizulta wkoll li ta' lanqas ghall-ewwel sentejn mill-vendita', din il-vettura zviluppat numru ta' difetti u ghalkemm baqghet dejjem f'idejn l-attur, kienu isirulha fuqha tiswijiet u bdil ta' partijiet ukoll. Li kien jigri hu li l-attur kien imur jilmenta ghand is-socjeta' konvenuta, din kienet teffettwalu t-tiswijiet li jkunu mehtiega, u meta jinhariglu kont tax-xoghol u partijiet, kienet taghmillu riduzzjoni jew skont ta' certu riljev minn dan il-kont u l-attur jerga' jiehu lura l-vettura. Jirrizulta probabbli li l-attur kien ghad baqaghlu jhallas xi hlasijiet akkonti lill-venditur in konnessjoni ma' din il-vettura, liema hlasijiet kienu jsiru tramite kambjali. Meta l-attur waqaf ihallas, gie mharrek mill-konvenut nomine u wara li hu (i.e. l-attur) mar jikkonsulta avukat u espert mekkaniku tal-karozzi, intavola din il-kawza in ezami fejn wara li ghamel diversi premessi varji talab li jigi rizarcit danni li jghid li nkorra.

Illi 'di diritto', din il-Qorti tibda biex tosserva li, nonostante d-decizjoni preliminari moghtija kif fuq intqal, u fejn giet respinta l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, xorta wahda jibqa' impregudikat il-fatt li l-mod kif gew dedotti l-kawzali u t-talbiet huwa legalment wiehed konfuz, imqar jekk finalment hemm talba, u ohrajn konsegwenjali, bazata fuq danni. Hekk, per ezempju, l-attur jippremetti <u>inter alia</u> li "l-konvenut nomine qarraq bl-attur meta beghlu u kkonsenjalu oggett li ma kienx tal-kwalita' pattwita" ghax flok vettura gdida u bla difetti inghata wahda b'diversi difetti. Issa mill-provi pero' jirrizulta li appena ra l-vettura tieghu ghall-ewwel darba, l-attur intavola diversi ilmenti mal-venditur u dawn id-difetti - tajjeb jew hazin - gew b'xi mod rimedjati u l-attur minn rajh ghazel li jiehu l-vettura u jzommha. Ghalhekk meta l-attur ikompli jippremetti wkoll li huwa "sofra danni b'rizultat tal-ingann fuqu pprattikat", dan huwa skorrett imqar jekk gie ppruvat li difetti tassew kien hemm. Bl-istess mod, filwaqt li huwa minnu li l-attur minn zmien ghall-iehor

kien jiehu l-vettura tieghu ghand il-venditur b'ilment varji, huwa wkoll minnu li kull darba, dawn id-difetti kienu jigu msewwijin u li tax-xoghol u l-"parts", l-attur kien jinghata skont mill-ammont li suppost kien mitlub ihallas.

Illi jirrizulta li kien biss meta l-attur safa' mharrek mill-venditur li huwa ha passi gudizzjarji in kawtela ta' kull dritt li sata' kellu. L-attur kien ghalhekk liberu fil-mument tal-bejgh, darba li mill-bidunett irriskontra difetti, li ma jaccettax il-vettura. Dan m'ghamlux. Skoperti difetti latenti li huwa elenka seta' wkoll jimxi u jippromuovi azzjoni redibitorja jew dik estimatorja, specjalment in vista tal-premessa tieghu li hu "spicca jhallas ferm aktar milli fil-fatt tiswa l-vettura". Minflok, l-attur ghazel li jfittex ghal hlas ta' danni, li fil-kors tat-trattazzjoni orali gew elenkati li kienu ta' tlett tipi: hlas ta' "parts" fis-somma ta' mitejn u hamsin lira (Lm250) skond kif xehed l-attur, deprezzament tal-vettura stante d-difetti li kellha u tal-mano d'opera li kellhu jhallas ghat-tiswijiet. Illi dwar allegat deprezzament, ma hemmx provi hlief li kull difett b'xi mod gie rrangat u dwar il-mano d'opera, apparti dak li tranga fil-garaxx tal-venditur stess, la Jack Pugliesevich u lanqas Mario Agius, li hadmu fuq il-vettura ta' l-attur ma jsemmu xi hlas li setghu rcevew minghand l-attur. L-attur ghamel affidavit fejn semma' (ara fol 59/60 para 8 et seq.) li hallas Lm105 fi Frar 1992 u Lm100 f'Jannar 1993 - pero' f'dawn iz-zewg kazi hu rcieva lura minghand il-venditur skont fuq is-somom li hallas u dan "fuq insistenza tieghu". Minbarra dan l-attur isemmi wkoll li wara li kien ha parir legali fil-25 ta' Mejju 1993 - meta kellem ukoll lill-espert tekniku Francis Aveta - jghid li "m'ghaddhiex wisq zmien li kelli nbdiddel il-'gear box' kollu bi spiza ta' Lm250 ghall-parts." L-attur ighid li l-'parts' xtrahom minghand Baldacchino Auto Parts li jinsab il-Fgura izda la gab ircevuti u lanqas xi hadd minn din id-ditta bhala konferma. Ighid li x-xoghol sar minn Mario Agius, li gie prodott b'xhud pero' ma jsemmi ebda figuri fi flus li seta' hallas.

Illi l-Qorti sabitha legalment difficli biex taccetta dak li qed jippretendi bhala danni l-attur mhux daqstant il-ghaliex ma giex ippruvat li difetti tassew zviluppaw imma ghaliex trattandosi ta' difetti latenti u li l-vettura baqghet dejjem uzata minnu, l-azzjoni tieghu tidher perenta. L-attur ma jsemmi ebda data fil-korp tac-citazzjoni. Jesebixxi nofs ftehim ta' "contract of sale and purchase" (ara Dok FC1 - fol 61) bla data u bla firem. It-tiswija msemmija minnu saret zgur wara Mejju 1993, filwaqt li l-attur fl-affidavit tieghu jghid li hu xtara l-vettura f'Marzu 1991 (fol 57). Illi ghalhekk il-Qorti ma tarax kif tista' taccetta t-talba attrici ghal danni ulterjuri meta huwa jidher li mexxa kontra l-venditur wara li dan harrku biex ihallas il-kambjali. Anzi, l-attur xehed li huwa lanqas kien baghat xi protest lill-konvenut nomine ta' dan ix-xoghol addizzjonali li hu jghid li htieglu jaghmel.

Minbarra l-konsiderazzjonijiet suesposti, ghandu jinghad ukoll li galadarba l-attur ippremetta li huwa xtara l-vettura, allura dana jfisser li kellu jmexxi kontra l-konvenut a tenur ta' dak li hemm fl-artiklu 1427 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta - liema azzjonijiet pero' jaqghu bl-eghluq ta' sitt (6) xhur minn dakinhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha, (art. 1431 tal-Kap 16). Fil-kaz in ezami, dawn is-sitt xhur kienu skadew ukoll minn meta l-attur skopra kull difett latenti u li ghalih ighid li nefaq flus minn butu billi jirrizulta li kienu ghaddew madwar sentejn minn meta suppost sar ix-xoghol. L-attur, fi kliem iehor, ma setax u ma jistax jippretendi li ghal zmien indefinit jibqa' juza u jhaddem il-vettura li xtara u kull meta jitfacca xi difett mekkaniku, imqar wara d-dekors ta' snin, izomm responsabbli 'l bejjiegh ghad-"danni". Bir-rispett kollu lejn dak li xehed l-espert mekkaniku "ex parte", Francis Aveta, dan jidher li strah kwazi litteralment fuq l-informazzjoni unilaterali mghoddija lilu mill-attur stess u x-xhieda tieghu xorta wahda ma ssolvix l-ostakoli legali inerenti fl-azzjoni esperita mill-attur;

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici kif dedotti bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghu, hlief dawk relativi ghall-ewwel decizjoni preliminari moghtija fit-13 ta' Mejju 1996 li jibqghu a kariku tal-parti sokkombenti.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md